# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. JOSEPH APAP BOLOGNA B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar t-Tlieta 12 ta' Gunju 2001**

**Avviz. numru 1488/98**

**Numru 32**

**Michael Sciortino u martu Lucienne Sciortino**

**vs**

**Joseph Grech**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih l-atturi talbu sabiex il-konvenut jghid il-ghaliex ma ghandux jigi kundannat li jhallas lill-istess atturi s-somma ta' tliet mija tnejn u sittin lira maltin u erbgha u sebghin centezmu (Lm362.74,0) jew somma verjuri bhala danni kagjonati mill-konvenut fil-vettura AAM-342, proprjeta ta' l-atturi, konsegwenza ta' l-incident stradali li sehh fis-16 ta' Frar 1998 fi Triq Guzeppi Cali, Ta' Xbiex, u dana waqt li l-konvenut kien qed isuq il-vettura TFB-135, propjeta' ta' Floorcare Services Ltd, bi traskuragni, negligenza u non osservanza tar-regolamenti tat-traffiku habat gol-fuq imsemmija vettura AAM-342.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra bonarja tas-16 t'April 1998 u ta' l-ittra ufficjali ta' Mejju 1998, kif ukoll ta' l-ittra ufficjali lis-socjeta' assigurattiva tal-konvenut, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut li biha eccepixxa (a fol 5 tal-atti) illi d-domandi attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjes kontra l-attur stante li l-eccipjenti ma kien bl-ebda mod responsabbli ghal-incident stradali imsemmi fl-avviz citat, stante li ghall-incident "de quo" kien unikament responsabbli Michael Sciortino (AAM 342) minhabba negligenza u nonosservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tieghu biss.

Isegwi li m'hemmx danni x'jigu likwidati kontra l-konvenut.

Isegwi li l-konvenut ma jista qatt jigi kundannat ihallas ebda danni.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi, hawnhekk, jkun opportun li jinghad x'kienu l-vetturi involuti f'dan l-incident. Dawn kienu:-

a) dik misjuqa mill-attur, bin-numru AAM 342 u tal-marka "Seat Toledo";

b) l-ohra bin-numru TFB 135 misjuqa mill-konvenut, liema vettura hi wahda li tintuza fit-tindif tat-Toroq deskritta fir-Rapport tal-Pulizija (fol 14 tal-atti) bhala "heavy vehicle" u tal-marka "Leyland". In rigward l-istess vettura PS 78 Joseph Cremona (a fol 11 tal-atti) specifika li din il-vettura hi attrezzata b'zewg "steering wheels" fuq quddiem, wiehed fuq il-lemin u l-iehor fuq ix-xellug. L-istess ufficjali tal-Pulizija (fol 11 ibid) xehed li l-konvenut kien qallu li kien qed juza dak fuq in-naha tal-bankina cjoe dak tax-xellug, meta kien gara l-incident.

Ikkunsidrat

Illi l-attur xehed (fol 15 et seq ibid) li hu kien wahdu u kien tiela fuq il-vettura tieghu, minn Triq il-Principessa Margarita sabiex jdur ghal go triq laterali ossija Triq Giuseppe Cali (ara skizz a fol 13 ibid). Kif kien ser jdur, hu ra li kien hemm "truck" tat-tindif, misjuq mill-konvenut li kien qed jnaddaf il-kantuniera bejn iz-zewg toroq imsemmijin fuq in-naha tax-xellug tal-istess attur. Hawnhekk hu ra li l-istess "truck"

wieqaf kien ser jaqla' l-barra. Ghalhekk hu waqaf sabiex l-iehor jkun jista' jghaddi. Pero', xorta wahda, il-vettura misjuqa mill-attur qalghet daqqa fuq in-naha tax-xellug. Kien hawnhekk mad-daqqa, li l-attur daqq il-"horn" u t-"truck" involut waqaf. Inoltre l-attur kien skantat "ghax harist il-fuq u gol-kabina ma rajtx xufier. Rajt steering wheel biss". Fl-ahhar nett l-istess attur specifika li fejn gara l-incident in esami, ".... it-triq (Triq Guiseppe Cali) hija aktar dejqa mill-kumplament taghha u hemmhekk tghaddi karozza wahda biss.....".

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi l-attur kompla jixhed in kontro esami (a fol 25 et seq ibid) u hawnhekk semma' li, quddiem il-vettura tal-konvenut, kien hemm karozza parkeggata (ara l-istess skizz imsemmi).

Inoltre hu specifika u kkjarifika li "<u>Kif jiena kont qed ndur il-kantuniera, l-ewwel rajtu wieqaf. Jiena waqaft u hu hareg il-barra</u>" sabiex jipprova "jghaddi fil-"gap" bejn fejn kont jiena wieqaf u l-karozza ipparkjata quddiemi". Inoltre, il-konvenut kien akkumpanjat mill-assistent tieghu li, pero', kien fuq il-bankina u skond l-istess attur, "Ma rajt l-ebda "hazard light' mixghula......".

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi l-konvenut (fol 29 et seq ibid) da parti tieghu jsostni li meta gara l-incident, hu kien wieqaf miksur lejn il-lemin u sema hoss mat-"truck" "billi dahlet karozza go fiha", liema karozza, misjuqa mill-attur, ma kienx ra' qabel. Hu kompla jsostni li "vettura bhal tal-attur ma kienetx tghaddi minn fuq il-lemin tieghu". Hu baqa' jsostni ".... li kont wieqaf u mhux minnu li jiena ma rajtux, ksirt lejn il-lemin u saret il-habta".

Ikkunsidrat

Illi kif jidher mill-versjonijiet tal-fatti moghtija mill-partijiet involuti, il-Qorti tinsab rinfaccata b'zewg versonijiet altament konfligjenti bejniethom. Ghalhekk, Hi rat jekk effettivament, hemmx xi prova oggettiva u indipendenti mill-partijiet sabiex tara jekk effettivament l-atturi pprovaw, fuq basi ta' probabilita, li l-incident in esami kien kawza ta' negligenza fis-sewqan da parti tal-konvenut.

Illi hawnhekk, gew konsiderati:

a) L-iskizz u rapport a fol 13 sa 14 ibid u;

b) il-hsarat kagunati fil-vetturi rispettivi.

In rigward hsarat, jidher li t-”truck” uzat mill-konvenut ma kellu ebda hsara waqt li l-karozza misjuqa mill-attur kellha danni deskritti bhala “slight” fil-”front left mudguard and bumper” (ara ukoll ir-ritratt esebit mill-attur a fol 17 ibid). Dwar l-iskizz, dan certament ma hu ta’ ebda ghajnuna sabiex il-Qorti taccerta ruhha dwar liema versjoni hi dik veritjera. L-istess jista’ jinghad in rigward il-hsarat imsemmija deskritti mill-attur (a fol 16 ibid) bhala tkaxkira fuq il-vettura tieghu.

Illi ghalhekk, la darba din il-Qorti ma hiex konvita dwar dak li allega l-attur fl-avviz in esami, Hi thoss li ghadha tichad it-talbiet kollha tieghu.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti tichad it-talbiet attrici bl-ispejjes jibqghu bla taxxa.

Alan Calleja
Dep.Reg